

ЕВРОПЕЙСКА СМЕТНА ПАЛАТА  
TRIBUNAL DE CUENTAS EUROPEO  
EVROPSKÝ ÚČETNÍ DVŮR  
DEN EUROPÆISKE REVISIONSRET  
EUROPÄISCHER RECHNUNGSHOF  
EUROOPA KONTROLLIKODA  
ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΕΛΕΓΚΤΙΚΟ ΣΥΝΕΔΡΙΟ  
EUROPEAN COURT OF AUDITORS  
COUR DES COMPTES EUROPÉENNE  
CÚIRT INIÚCHÓIRÍ NA HEORPA



EUROPSKI REVIZORSKI SUD  
CORTE DEI CONTI EUROPEA  
EIROPAS REVĪZIJAS PALĀTA  
EUROPOS AUDITO RŪMAI

EURÓPAI SZÁMVEVŐSZÉK  
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
EUROPESE REKENKAMER  
EUROPEJSKI TRYBUNAŁ OBRACHUNKOWY  
TRIBUNAL DE CONTAS EUROPEU  
CURTEA DE CONTURI EUROPEANĂ  
EURÓPSKY DVOR AUDÍTOROV  
EVROPSKO RAČUNSKO SODIŠČE  
EUROOPAN TILINTARKASTUSTUOMIOISTUIN  
EUROPEISKA REVISIONSRÄTTEN

Rapport dwar l-awditu tal-ġestjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew tal-impronta tiegħu tal-karbonju

flimkien mar-risposti tal-Bank Ċentrali Ewropew

## WERREJ

	Paragrafu
Introduzzjoni	1 - 5
Ambitu u approċċ tal-awditjar	6 - 8
Sejbiet tal-awditjar	9 - 56
Strategġji għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju	9 - 26
Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju	10 - 15
Kumpensar għal emissjonijiet residwi	16 - 19
Lejn kalkolu komprensiv tal-impronta tal-karbonju	20 - 26
Għodod għall-immaniġġjar ambjentali	27 - 43
Skema Ewropea ta' mmaniġġjar u awditjar ekoloġiċi (EMAS)	27 - 38
II-programm GreenBuilding	39 - 42
II-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentru tad-Data	43
Akkwist Sostenibbli	44 - 56
Ir-Regoli tal-BĊE dwar l-Akkwisti	44
II-Manwal tal-BĊE dwar il-Prattiki tan-Negozju	45 - 48
II-Linja Gwida dwar l-Akkwist Sostenibbli	49 - 55
Eżami ta' kampjun ta' proċeduri ta' akkwist	56
Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet	57 - 70
II-BĊE ddefinixxa strategġji għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju u huwa implimentahom b'mod effettiv?	58 - 63
II-BĊE għandu għodod adegwati għall-immaniġġjar ambjentali għall-appoġġ ta' titjib kontinwu?	64 - 67
II-BĊE ffissa standards għall-akkwist sostenibbli u dawk l-istandards intlaħqu?	68 - 70

## **INTRODUZZJONI**

1. Il-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem “il-Bank” jew “il-BĊE”) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea (UE) flimkien jikkostitwixxu s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ). L-objettiv ewlieni tal-SEBĊ huwa li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet. L-SEBĊ tappoġġa wkoll il-politiki ekonomiċi ġenerali tal-UE bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-UE. Għal dan l-iskop, il-BĊE jwettaq il-kompiti speċifikati fl-Istatut<sup>1</sup> tiegħu u huwa responsabbli mill-ġestjoni tal-attivitajiet u tal-finanzi proprji tiegħu.
2. L-awditu tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem “il-Qorti”) huwa bbażat fuq l-Artikolu 27(2) tal-Istatut, li jipprevedi eżami tal-effiċjenza operattiva tal-ġestjoni tal-BĊE. L-awditu jkopri l-immaniġġjar ambjentali tal-BĊE u jiffoka b'mod partikolari fuq miżuri għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju<sup>2</sup> ġġenerata mill-operazzjonijiet tal-Bank bħala amministrazzjoni pubblika.
3. Il-korpi deċiżjonali tal-BĊE huma l-Kunsill Governattiv u l-Bord Eżekuttiv. Il-Bord Eżekuttiv huwa b'mod kumplessiv responsabbli mill-ġestjoni tal-amministrazzjoni ta' kuljum tal-BĊE u tar-riżorsi tiegħu, inkluż l-immaniġġjar ambjentali. Huwa jadotta l-politika ambjentali u l-qafas ta' governanza ambjentali, jipprovdi r-riżorsi u jaħtar Koordinatur tal-Ambjent u Uffiċjal tal-Ambjent u jagħlaq u jawtorizza l-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni annwali tal-BĊE dwar l-Ambjent.
4. L-Artikolu 11 tat-Tratat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) jipprovdi li l-ħtiġijiet (rekwiżiti) għall-ħarsien tal-ambjent għandhom ikunu integrati fid-

---

<sup>1</sup> L-Istatut tal-SEBĊ u tal-BĊE huwa protokoll mehmuż mat-Trattat.

<sup>2</sup> Impronta tal-karbonju hija l-ammont kumplessiv ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) assoċjati mal-attività ta' organizzazzjoni. L-emissjonijiet ta' GHG jiġu normalment ikkalkulati u rrapportati f'ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>).

definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, partikolarment bl-għan li jinkoraġġixxu żvilupp sostenibbli.

5. Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent hija bbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara lill-ambjent għandha bħala prijorità tiġi rettifikata fis-sors u li min iniġġes għandu jħallas<sup>3</sup>.

### **AMBITU U APPROĊ TAL-AWDITJAR**

6. FI-2013, l-awditu tal-Qorti vvaluta jekk, fil-perjodu 2008 sa 2013, il-BĊE kellux politika biex jitnaqqas l-impatt negattiv tal-operazzjonijiet amministrattivi tiegħu fuq l-ambjent u jekk din il-politika ġietx implimentata b'mod effettiv<sup>4</sup>. Il-Qorti eżaminat:

- jekk l-istrateġiji għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju kinux ġew definiti u jekk ġewx implimentati b'mod effettiv;
- jekk għodod adegwati għall-immaniġġjar ambjentali kinux stabbiliti għall-appoġġ ta' titjib kontinwu;
- jekk standards ta' akkwist sostenibbli kinux ġew iffissati u jekk kienx hemm konformità magħhom.

7. L-awditu kien ibbażat fuq kwestjonarji, intervisti u analiżi ta' dokumenti u ta' statistika li kienu saru disponibbli mill-BĊE. Huwa inkluda wkoll eżami ta' kampjun ta' proċeduri ta' akkwist.

---

<sup>3</sup> Ara l-Artikolu 191 TFUE.

<sup>4</sup> Il-Qorti vvalutat ukoll din il-kwistjoni fir-rigward ta' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra magħżula tal-UE, u tippjana li tirrapporta dwar ir-riżultati aktar tard fl-2014.

8. L-awditu ma kienx awditu tal-karbonju, jiġifieri l-objettiv ma kienx li jitwettaq mill-ġdid il-kalkolu tal-impronta tal-karbonju tal-BĊE jew li tiġi vverifikata l-preċiżjoni tad-*data* ta' bażi.

## **SEJBIET TAL-AWDITJAR**

### ***Strateġiji għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju***

9. Fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fit-Trattat (ara l-paragrafu 5), hemm żewġ modi komplementari biex jiġi mitigat l-impatt tal-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju tal-BĊE fuq l-ambjent:

- (a) bħala prijorità, billi jitnaqqsu daww l-emissjonijiet;
- (b) billi jiġu kkompensati l-emissjonijiet residwi permezz ta' tpaċċja.

### **Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju**

#### **Impenn għat-tnaqqis tal-emissjonijiet**

10. Skont il-verżjoni l-aktar reċenti tal-politika ambjentali tiegħu ta' Ġunju 2013<sup>5</sup>, il-BĊE huwa impenjat biex kontinwament itejjeb il-prestazzjoni ambjentali u biex jimminimizza l-impronta ekoloġika billi jieħu miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju fl-operazzjonijiet tiegħu ta' kuljum.

11. Meta mqabbla ma' verżjonijiet preċedenti<sup>6</sup>, xi ambigwiżà tneħħiet bl-għażla tal-kliem użat f'din il-verżjoni l-aktar reċenti tal-politika ambjentali. Il-verżjonijiet preċedenti għamlu l-impenn li emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> ikkawżati mill-BĊE għandhom jitnaqqsu iżda biss fil-prinċipju.

---

<sup>5</sup> Approvata mill-Kumitat ta' Ġestjoni u endorsjata mill-Bord Eżekuttiv permezz tal-pubblikazzjoni tagħha fid-Dikjarazzjoni 2013 tal-BĊE dwar l-Ambjent .

<sup>6</sup> Ara d-Dikjarazzjoni 2010 tal-BĊE dwar l-Ambjent u l-aġġornament 2012 tad-Dikjarazzjoni tal-BĊE dwar l-Ambjent.

### Miri tat-tnaqqis

12. Il-BĊE ffissa miri tat-tnaqqis għalih innifsu fid-Dikjarazzjonijiet tiegħu dwar l-Ambjent. L-ewwel mira kienet tnaqqis ta' 15 % fit-total tal-impronta tal-karbonju fl-2011 meta mqabbel mad-*data* rrappurtata għall-2009<sup>7</sup>. Għall-2013, il-BĊE kellu mira li jnaqqas it-total tal-impronta tal-karbonju b'10 % meta mqabbel mad-*data* rrappurtata għall-2011. La l-miri fuq terminu medju (jiġifieri għall-2020) u lanqas il-miri fuq terminu twil (jiġifieri lil hinn mill-2020) ma ġew iffissati. Li jkun hemm tali miri, huwa importanti biex tiġi ppjanata u żgurata s-sostenibbiltà tal-ġestjoni ambjentali ta' organizzazzjoni.

### Xejriet fl-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>

13. L-2008 kienet l-ewwel sena li għaliha l-impronta tal-karbonju tal-BĊE ġiet irrappurtata. Meta mqabbel mal-2008, il-BĊE rnexxielu jnaqqas l-impronta tiegħu tal-karbonju fl-2012 f'termini assoluti (tnaqqis fl-ammont kumplessiv ta' emissjonijiet) minkejja t-tnaqqis fl-għedud tal-persunal. Dan xkatta tnaqqis ferm aktar importanti f'termini relattivi (għal kull post tax-xogħol allokat). It-**Tabella 1** turi l-evoluzzjoni kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi.

**Tabella 1** - Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> f'termini assoluti u relattivi (ambitu tar-rappurtar 2008)

	2008	2012	Evoluzzjoni
Total tal-emissjonijiet (f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> )	17 023	9 617	- 43,5 %
Għadd ta' postijiet tax-xogħol allokat	2 140	2 399	+ 12,1 %
Emissjonijiet għal kull post tax-xogħol allokat (f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> )	7,95	4,01	- 49,6 %

Sors: Id-Dikjarazzjoni 2013 tal-BĊE dwar l-Ambjent, il-kalkoli tal-QEA.

<sup>7</sup> Din il-mira ġiet eċċeduta u nkiseb tnaqqis ta' kważi 30 %.

14. It-tnaqqis li nkiseb sal-lum huwa fil-parti l-kbira attribwibbli għax-xiri tal-elettriku ekoloġiku<sup>8</sup>. It-tnaqqis inkiseb ukoll fir-rigward tat-tisfin u tat-tkessiñ u fl-emissjonijiet assoċjati ma' karti tal-uffiċċju u ma' pubblikazzjoniet stampati. L-emissjonijiet relatati mal-ivvjaġġar fuq xogħol (bil-karozza, bil-ferrovija u bl-ajruplan) kienu fl-istess livell fl-2012 bħal fl-2008 (għal ċifri dettaljati ara t-**Tabella 2**).

15. Il-BĊE ma għadux jistenna li jilħaq il-mira tat-tnaqqis għall-2013 (ara l-paragrafu 12) minħabba li jqis li huwa eżawrixxa l-lista ta' titjib teknikament u finanzjarjament fattibbli fl-uffiċċji mikrija attwali tiegħu. Barra minn hekk, huwa qed jantiċipa l-impatt taż-żieda fil-persunal minħabba l-kompiti ġodda ta' superviżjoni bankarja.

### **Kumpensar għal emissjonijiet residwi**

16. It-tpaċija għal emissjonijiet ta' karbonju hija mekkaniżmu li permezz tiegħu organizzazzjoni tikkumpensa għall-emissjonijiet proprji tagħha ta' dijossidu tal-karbonju jew għal parti minnhom billi tħallas lil xi ħadd għal iffrankar ekwivalenti ta' djossidu tal-karbonju li sar xi mkien ieħor fid-dinja, eż. iffrankar tal-emissjonijiet li sar permezz ta' parks eoliċi li jissostitwixxu impjanti tal-enerġija mħaddma bil-faħam. Jekk jiġu tpaċati l-emissjonijiet kollha li ma jistgħux jiġu evitati, attività tista' titqies li hija newtrali fil-karbonju<sup>9</sup>.

17. Skont id-Dikjarazzjoni 2013 tal-BĊE dwar l-Ambjent, it-tpaċija ntużat għall-ivvjaġġar kollu fuq xogħol, bil-ferrovija mad-Deutsche Bahn. Bi 30,9 tunnellata

<sup>8</sup> Sa mill-2009, il-BĊE kien qed juża l-elettriku minn sorsi rinnovabbli li jammonta għal żero emissjonijiet fil-kalkolu tal-impronta tal-karbonju. Is-sehem tal-elettriku ekoloġiku fit-total tal-konsum tal-enerġija elettrika kien jinsab f'livell ta' 65,8 % fl-2012.

<sup>9</sup> Ara d-definizzjoni provduta mid-Dipartiment tar-Renju Unit għall-Enerġija u t-tibdil fil-Klima fid-dokument tiegħu "A guide to carbon offsetting for the public sector" (Gwida għal tpaċija għal emissjonijiet ta' karbonju għas-settur pubbliku), il-verżjoni 2, 2011, p. 11: Newtrali fill-karbonju tfisser li - permezz ta' proċess trasparenti ta' kalkolu tal-emissjonijiet, jitnaqqsu dawk l-emissjonijiet u jiġu tpaċati emissjonijiet residwi – l-emissjonijiet netti tal-karbonju huma ugwali għal żero.

ta' CO<sub>2</sub> fl-2012, dan irrappreżenta biss proporzjon żgħir tat-total tal-impronta tal-karbonju.

18. Fir-rigward tal-akkwist ta' servizzi internazzjonali tal-ivvjaġġar fuq xogħol, il-Linja Gwida tal-BĊE ta' Diċembru 2012 dwar l-Akkwist Sostenibbli tirrakkomanda li l-Bank jinkludi r-rekwiżit li l-offerent rebbieħ jikkompensa 100 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kkawżati minn vjaġġi fuq xogħol. Il-Linja Gwida tipproponi li proġetti involuti fit-twassil tat-tpaċija għal emissjonijiet ta' karbonju jissodisfaw il-kriterji tal-addizzjonalità u tal-permanenza, li r-rilokazzjoni u l-għadd doppju jiġu evitati u li t-tpaċijett jiġu vverifikati minn verifikatur indipendenti ta' parti terza.

19. Madankollu, il-politika ambjentali tal-BĊE ma tindirizzax il-kwistjoni tat-tpaċija.

### **Lejn kalkolu komprensiv tal-impronta tal-karbonju**

#### L-ebda leġiżlazzjoni tal-UE dwar kif għandha tiġi kkalkolata l-impronta tal-karbonju

20. Fil-fehma tal-Qorti, informazzjoni affidabbli u kompleta dwar id-daqs reali tal-impronta tal-karbonju ta' organizzazzjoni hija prekondizzjoni essenzjali għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji effettivi ta' mitigazzjoni.

21. Madankollu, ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni vinkolanti tal-UE dwar kif għandha tiġi kkalkolata l-impronta tal-karbonju ta' amministrazzjoni pubblika. F'rakkomandazzjoni adottata fid-9 ta' April 2013<sup>10</sup>, il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") tneġġeġ l-użu tal-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjonijiet (OEF) għall-kejl jew għall-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' organizzazzjonijiet pubbliċi. L-

---

<sup>10</sup> ĠU L 124, 4.5.2013, p. 1.



utenti tal-metodu OEF għandhom josservaw il-prinċipji ta' rilevanza, kompletzza, konsistenza, akkuratizza, u trasparenza.

L-ambitu tal-kalkolu mill-BĊE tal-impronta tal-karbonju għe estiż gradwalment

22. L-ambitu inizjali tal-kalkolu fl-2008 mill-BĊE, tal-impronta tal-karbonju kien ikopri emissjonijiet ikkawżati mit-tisħin u mit-tkessiħ, il-konsum tal-enerġija elettrika, ivvjaġġar fuq xogħol u karti u pubblikazzjonijiet tal-uffiċċju. L-ambitu 2008 għe mwessa' darbtejn, fl-2011 u fl-2012.

23. Emissjonijiet iġġenerati mill-ivvjaġġar ta' parteċipanti f'konferenzi għew inklużi sa mill-2011. Fl-2012, l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-20 000 parteċipant estern f'konferenzi u f'avvenimenti oħra għew stmati li jammontaw għal xi 4 000 tunnellata. Madankollu, uħud minn dawn l-emissjonijiet setgħu diġà ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-organizzazzjonijiet proprji tal-parteeċipanti, għalhekk hemm riskju ta' għadd doppju. Min-naħa l-oħra, fil-kalkolu ma għewx meħuda inkunsiderazzjoni viżitaturi li ma kinux membri ta' konferenzi li vvjaġġaw lejn l-uffiċċji tal-BĊE fl-2012 (kważi 70 000).

24. Emissjonijiet li rriżultaw mill-konsum tal-enerġija taċ-ċentru estern tad-*data* u mill-aġenti tat-tkessiħ użati fl-uffiċċji tal-BĊE ilhom jiġu inklużi sa mill-2012.

25. It-**Tabella 2** tipprovdi tqabbil bejn l-ambitu inizjali tar-rappurtar fl-2008 u l-ambitu mkabbar tal-2012.

**Tabella 2 – Emissjonijiet skont is-sors (ambitu tar-rappurtar 2008 vs. 2012)**

Emissjonijiet minn sorsi differenti (f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> )	2008	2012	Sehem tal-impronta tal-karbonju 2012
<b><u>Ambitu 2008</u></b>			
Tiżnin u tkessiĥ	5 495,80	4 871,70	27,4 %
Elettriku	8 831,50	2 504,90	14,1 %
Ivvjaġġar fuq xogħol	1 741,40	1 748,80	9,8 %
Karti u pubblikazzjonijiet tal-uffiċċju	954,30	491,20	2,8 %
<b>TOTAL tal-ambitu 2008 biss</b>	<b>17 023,00</b>	<b>9 616,60</b>	<b>54,0 %</b>
<b><u>Ambitu mkabbar 2012</u></b>			
Ivvjaġġar minn parteċipanti f'konferenzi	n.a.	4 059,80	22,8 %
Konsum tal-enerġija miċ-ċentru estern tad- <i>data</i>	n.a.	4 085,50	23,0 %
Aġenti tat-tkessiĥ	n.a.	31,10	0,2 %
<b>TOTAL tal-ambitu 2012 biss</b>	<b>n.a.</b>	<b>8 176,40</b>	<b>46,0 %</b>
<b>TOTAL tal-ambitu mkabbar 2008 u 2012</b>	<b>n.a.</b>	<b>17 793,00</b>	<b>100 %</b>

Sors: Id-Dikjarazzjoni 2013 tal-BĊE dwar l-Ambjent, il-kalkoli tal-QEA.

**Aktar opportunitajiet biex tittejjeb it-trasparenza, il-kompletezza u r-rilevanza**

26. Taħt il-metodu OEF irrakkomandat mill-Kummissjoni fl-2013<sup>11</sup>, għadd ta' elementi huma neqsin mir-rappurtar mill-BĊE dwar l-impronta tal-karbonju,

<sup>11</sup> Ara l-Gwida tal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjonijiet (OEF) (ĠU L 124, 4.5.2013, p. 107).

b'mod l-aktar notevoli emissjonijiet ikkawżati mill-ivvjaġġar tal-persunal bejn id-dar u x-xogħol u emissjonijiet ikkawżati mill-kostruzzjoni tal-bini NEP<sup>12</sup>.

### ***Għodod għall-immaniġġjar ambjentali***

#### **Skema Ewropea ta' mmaniġġjar u awditjar ekoloġiċi (EMAS)**

27. Skont il-Kummissjoni, l-Iskema Ewropea ta' mmaniġġjar u awditjar ekoloġiċi (EMAS)<sup>13</sup> hija l-għodda l-aktar kredibbli u robusta, għall-immaniġġjar ambjentali fis-suq<sup>14</sup>. L-objettiv tal-EMAS huwa li tippromwovi titjib kontinwu fil-prestazzjoni ambjentali tal-organizzazzjonijiet.

28. Il-parteċipazzjoni fl-EMAS hija volontarja u dawk li jipparteċipaw "jistgħu jakkwistaw valur miżjud f'termini tal-kontroll regolatorju, tat-tfaddil fl-infiq (iffrankar tal-ispejjeż) u tad-dehra pubblika, kemm-il darba jkunu kapaċi jagħtu prova ta' titjib fil-prestazzjoni ambjentali tagħhom"<sup>15</sup>.

#### Aderenza u ambitu tal-EMAS

29. Il-BĊE kiseb l-ewwel validazzjoni tiegħu tal-EMAS f'Lulju 2010<sup>16</sup> u validazzjoni mill-ġdid f'Lulju 2013. Il-verifikatur ambjentali estern ikkonferma li l-politika ambjentali tal-BĊE, il-programm ambjentali tiegħu, is-sistema tiegħu ta' mmaniġġjar ambjentali u d-Dikjarazzjoni 2013 dwar l-Ambjent konsolidata kienu

<sup>12</sup> NEP – New ECB Premises (l-Uffiċċji l-Ġodda tal-BĊE) fuq is-sit tal-Grossmarkthalle.

<sup>13</sup> Ir-Regolament (KE) 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

<sup>14</sup> Ara l-Iskeda informattiva tal-EMAS "EMAS and ISO 14001: complementarities and differences" (EMAS u ISO 14001: komplementarjetajiet u differenzi).

<sup>15</sup> Ara l-premessa 8 tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009.

<sup>16</sup> Fl-istess waqt il-BĊE ġie ċċertifikat l-ISO 14001. L-EMAS tinkludi r-rekwiżiti kollha tal-ISO 14001.

f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 u li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli relatati mal-ambjent.

30. L-EMAS ġiet implimentata bl-użu ta' riżorsi eżistenti tal-persunal (għadd newtrali ta' persuni). Il-kost finanzjarju għall-operazzjoni tal-EMAS (konsulenza, ċertifikazzjoni, attivitajiet ta' komunikazzjoni) huwa anqas minn EUR 100 000 kull sena.

31. L-ambitu tal-EMAS jinkludi l-attivitajiet tekniċi u amministrattivi kollha fl-uffiċċji prinċipali tal-BĊE fi Frankfurt am Main. Dawn jinkludu tliet binjiet għoljin mikrija, jiġifieri l-Eurotower, il-bini preċedenti tal-Commerzbank u l-Eurotheum. Meħudin flimkien huma jirrappreżentaw l-erja grossa tas-superfiċje ta' madwar 133 000 metru kwadru.

32. Barra minn hekk, il-BĊE jikri spazju f'ċentru estern tad-*data* fiż-żona ta' Frankfurt, iżda dan ma jaqax fi ħdan l-ambitu tal-EMAS. L-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> iġġenerati minn dan iċ-ċentru tad-*data* ġew irrappurtati, għall-ewwel darba, fid-Dikjarazzjoni 2013 dwar l-Ambjent.

33. Tnejn jidher qed isiru għall-applikazzjoni tal-EMAS fl-uffiċċji ġodda tal-BĊE. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni għandu jiġi komplut fl-2014.

34. Fid-9 ta' Novembru 2013 l-BĊE ħabbar id-deċiżjoni tiegħu li jkompli jikri l-Eurotower, li jaqa' fi ħdan l-ambitu tal-EMAS, biex jakkomoda lill-persunal tiegħu tas-superviżjoni bankarja<sup>17</sup>.

---

<sup>17</sup> Skont l-istqarrija relatata għall-istampa, l-uffiċċji l-ġodda tal-BĊE fuq is-sit tal-Grossmarkthalle mhux se jkollhom biżżejjed spazju biex jakkomodaw l-1 000 membru addizzjonali tal-persunal bejn wieħed u ieħor, meħtieġa għall-BĊE biex iwettqu l-kompiti ġodda tiegħu.

### Programm tal-EMAS għall-immaniġġjar ambjentali

35. B'antiċipazzjoni għall-ġarr lejn l-uffiċċji ġodda tal-BĊE, is-sensibilizzazzjoni dwar l-ambjent u l-bidla fl-imġiba saru l-fokus prinċipali tal-programm għall-immaniġġjar ambjentali għall-perjodu 2012 sa 2013. Huwa ppjanat li huma se jkomplu jkunu l-fokus prinċipali billi l-BĊE jistenna li l-uffiċċji ġodda jilħqu standards tekniċi u ambjentali għoljin.

36. Miżuri relatati mas-sensibilizzazzjoni dwar l-ambjent u mal-bidla fl-imġiba fil-programm 2012-2013 ġew ifformulati b'mod vag, eż. "Il-persunal jiġi provdut b'informazzjoni dettaljata dwar opportunitajiet ta' sostenibbiltà fuq ix-xogħol u fid-dar", jew "Il-persunal jiġi mħeġġeġ jagħmel użu mit-trasport pubbliku meta jkun qed jivvjaġġa lejn u mix-xogħol". Għaldaqstant, l-impatt kumplessiv tagħhom huwa diffiċli jiġi vvalutat.

37. Bħalissa, il-BĊE ma għandux informazzjoni affidabbli dwar l-użu mit-trasport pubbliku għall-ivvjaġġar lejn u mix-xogħol. FI-2008 u fi-2012 twettqu sfiħarriet dwar it-trasport iżda ma rriżultawx f'*data* rappreżentattiva.

38. Prijorità oħra fil-programm għall-immaniġġjar ambjentali għall-2012 sal-2013 hija l-akkwist sostenibbli. Din il-kwistjoni hija indirizzata fil-paragrafi 44 sa 56.

### **Il-programm GreenBuilding**

39. FI-2005 ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni vara l-programm Greenbuilding. Il-programm jimmira li jagħti bidu għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'binjiet mhux residenzjali li huma b'mod ċar vantaġġużi, iżda li jmorru lil hinn mill-istandards imposti mid-direttiva Ewropea dwar il-bini u mill-kodiċijiet nazzjonali tal-bini, fis-seħħ. "Sieħeb fil-programm GreenBuilding"<sup>18</sup> għandu jiżgura li binjiet ġodda jikkonsmaw 25 % anqas f'dak li

---

<sup>18</sup> Għadd ta' binjiet irreġistrati madwar l-Ewropa kollha fit-18 ta' Novembru 2013: 866.

jirrigwarda t-total tal-enerġija primarja, jekk ekonomikament vijabbli, milli meħtieġ mill-istandard fis-seħħ ta' bini.

40. F'Diċembru 2009, il-BĊE ssottometta evidenza lill-JRC li t-tfassil tal-uffiċċji ġodda tal-BĊE kien konformi mar-rekwiżit ta' 25 % u huwa ġie aċċettat bħala Sieħeb fil-programm GreenBuilding.

41. Barra minn hekk, skont id-Dikjarazzjoni 2013 dwar l-Ambjent, il-bini huwa mistenni li jkun 29 % aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija mill-istandard stipulat bid-direttiva tal-2007 tal-Ġermanja dwar l-iffrankar tal-enerġija.

42. L-ebda informazzjoni definittiva ma ġiet ippubblikata sa issa dwar jekk il-BĊE se jkunx jeħtieġ li l-istandards tal-programm GreenBuilding<sup>19</sup> jintlaħqu meta l-Eurotower jiġi restawrat qabel ma jiġi okkupat mill-persunal tal-BĊE tas-superviżjoni bankarja<sup>20</sup>.

### **II-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentru tad-Data**

43. Il-BĊE ma ntrabatx li jsegwi l-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentru tad-Data li ġiet promossa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni sa mill-2008. Din il-kodiċi volontarja ta' kondotta nħolqot b'rispons għaż-żieda fil-konsum tal-enerġija fiċ-ċentri tad-data u għall-ħtieġa li jitnaqqsu l-impatti relatati ambjentali, ekonomiċi u ta' sigurtà tal-provvista tal-enerġija. L-għan huwa li l-operaturi, il-klijenti u s-sidien taċ-ċentri tad-data jiġu provduti b'informazzjoni u jiġu mħajra jnaqqsu l-konsum tal-enerġija b'mod kosteffettiv.

---

<sup>19</sup> Il-binjiet eżistenti għandhom jikkonsmaw mill-anqas 25 % anqas mit-total tal-enerġija primarja, jekk ekonomikament vijabbli, wara l-arranġament tagħhom mill-ġdid.

<sup>20</sup> Għalissa, il-persunal tas-superviżjoni bankarja huma akkomodati f'bini ieħor viċin il-bini tal-Eurotower.

## **Akkwist Sostenibbli**

### **Ir-Regoli tal-BĊE dwar l-Akkwisti**

44. Il-qafas legali għall-akkwist ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet mill-BĊE huwa stipulat fid-Deċiżjoni BĊE/2007/5 li tistabbilixxi r-Regoli dwar l-Akkwisti<sup>21</sup>. Il-karatteristiċi ambjentali ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet li għandhom jiġu akkwistati, issir referenza għalihom biss fil-qosor f'din id-Deċiżjoni<sup>22</sup>. Il-kunċett ta' "akkwist sostenibbli" mhuwiex imsemmi.

### **Il-Manwal tal-BĊE dwar il-Prattiki tan-Negożju**

45. Ir-regoli interni dwar l-akkwisti huma stipulati fil-Manwali tal-BĊE dwar il-Prattiki tan-Negożju. Jitwettaq impenn li l-BĊE jakkwista oġġetti, servizzi u xogħlijiet b'tali mod li jkollu progress kontinwu u li jista' jitkejjel fil-prestazzjoni ambjentali tiegħu, li għandu jintlaħaq bit-tnaqqis tal-impatti ambjentali filwaqt li tinżamm il-vijabbiltà ekonomika.

46. Ir-regoli interni jstipulaw, fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni ambjentali, li huwa għandu dejjem jagħmel parti mill-kriterji tal-għażla fejn tali ċertifikazzjoni tkun rilevanti.

47. Għall-proċedura tal-"offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża", ir-regoli interni jipprovdu li ġej: Fejn il-karatteristiċi ambjentali tal-oġġetti, tas-servizzi jew tax-xogħlijiet huma importanti, huma għandhom jirrappreżentaw parti sinifikanti tat-total tal-ponderazzjoni.

48. Din l-għażla tal-kliem tidher li tirreferi għat-total tal-għadd ta' punti mogħtija għall-prezz u l-kwalità disponibbli taħt proċedura ta' akkwist. Madankollu, l-awditu tal-Qorti sab li dan mhuwiex fehim komuni u li l-maniġers għandhom it-tendenza li jqisu punti għall-kwalità waħidha biex jiġi determinat is-sehem tal-

---

<sup>21</sup> ĠU L 184, 14.7.2007, p. 34.

<sup>22</sup> Bħala kriterju possibbli tal-għotja, ara l-Artikolu 26(2)(a).

karatteristiċi ambjentali fil-ponderazzjoni. Dan jista' jwassal għal każijiet fejn il-karatteristiċi ambjentali jirrappreżentaw anqas minn 5 % tat-total tal-ponderazzjoni għall-prezz u l-kwalità. F'tali każijiet, huma x'aktarx li ma jkollhomx impatt sinifikanti fuq ir-riżultat tal-proċedura.

## **II-Linja Gwida dwar l-Akkwist Sostenibbli**

49. F'Diċembru 2012, l-Uffiċċju Ċentrali tal-Akkwisti (CPO) tal-BĊE ffinalizza l-Linja Gwida tal-BĊE dwar l-Akkwist Sostenibbli bl-objettiv li jappoġġa l-implimentazzjoni sistematika tal-attivitajiet ta' akkwist sostenibbli. Il-Linja Gwida tipprovdi informazzjoni ta' sfond, tiddeskrivi kriterji li għandhom jiġu applikati matul il-proċess kollu tax-xiri u tipproponi proċedura ġenerali dwar kif għandhom jiġu implimentati l-attivitajiet ta' akkwist sostenibbli.

50. Bejn l-2010 u l-2012, matul bosta akkwisti pilota, saru bidliet żgħir lil-Linja Gwida biex tittejjeb. Hija tuża fil-parti l-kbira r-rakkomandazzjonijiet prattiċi mill-KE għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE) li huma stipulati fil-manwal "Ixtri għal ambjent aħjar!" u l-"Ġabra ta' strumenti ta' taħriġ għall-APE"<sup>23</sup>.

51. Il-Linja Gwida tkopri l-kategoriji tal-prodotti u tas-servizzi identifikati bħala li għandhom l-impatt ambjentali l-aktar sinifikanti fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-BĊE, jiġifieri provvisti/materjal tal-uffiċċju, tagħmir tal-IT, servizzi ta' tindif, servizzi ta' forniment tal-ikel, ivvjaġġar lejn u mill-BĊE, u operazzjoni u manutenzjoni tal-uffiċċji. Aktar kategoriji jistgħu jiġu inklużi fi stadju aktar tard.

52. Il-kriterji tal-akkwist sostenibbli għall-parti l-kbira tal-kategoriji magħżula tal-prodotti u tas-servizzi huma proposti fl-anness għal-Linja Gwida. Għall-kuntrarju tal-ġabra ta' strumenti ta' taħriġ għall-APE, l-anness għal-Linja Gwida ma joffrix għażla bejn kriterji bażiċi ("fundamentali") u dawk aktar ambizzjużi ("komprensivi") iżda jipproponi sett uniku ta' kriterji għal kull kategorija. Normalment, il-kriterji tal-BĊE jitolbu aktar iħidma mill-kriterji fundamentali tal-

---

<sup>23</sup> [http://ec.europa.eu/environment/gpp/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/environment/gpp/index_en.htm).



ġabra ta' strumenti ta' taħriġ għall-APE mingħajr ma jilħqu b'mod sħiħ il-kriterji komprensivi tiegħu. Madankollu, fil-każ tat-tagħmir tal-IT, il-kriterji tal-BĊE jmorru lil hinn mill-kriterji komprensivi tal-ġabra ta' strumenti ta' taħriġ.

53. Il-Linja Gwida tkopri xi oqsma li għalihom ma teżisti l-ebda ġabra ta' strumenti ta' taħriġ għall-APE, jiġifieri provvisti/materjali tal-uffiċċju u vvjaġġar internazzjonali. Min-naħa l-oħra, xi gruppi rilevanti ta' prodotti u servizzi tal-ġabra ta' strumenti ta' taħriġ għall-APE għadhom ma żżidux mal-Linja Gwida, notevolment dawk għall-għamara u għall-mowbajls.

#### Il-proċedura għall-implimentazzjoni tal-akkwist sostenibbli

54. Id-diviżjonijiet responsabbli mill-akkwist tal-gruppi magħżula ta' prodotti huma meħtieġa li:

- (a) jintegraw kriterji sostenibbli f'dokumenti tal-offerta u fil-proċess tal-għotja inkluż approċċ għaċ-ċiklu tal-ħajja;
- (b) jivverifikaw il-konformità ma' kriterji sostenibbli;
- (c) jiġbru *data* dwar il-kisbiet li saru u jirrapportaw dawk lis-CPO.

55. Il-koordinazzjoni kumplessiva tal-isforzi għall-akkwist sostenibbli qiegħda f'idejn is-CPO. Mill-2013, is-CPO għandu jirrapporta lill-Bord Eżekuttiv dwar l-istatus tal-akkwist sostenibbli. Dan se jsir darba fis-sena fil-kuntest tar-rapport fi tmiem is-sena ta' monitoraġġ tal-akkwist. Ir-rappurtar se jseħħ ukoll fi ħdan il-qafas tal-analiżi annwali tal-immaniġġjar ambjentali.

#### **Eżami ta' kampjun ta' proċeduri ta' akkwist**

56. Il-Qorti awditjat kampjun ta' proċeduri ta' akkwist li, skont il-Bank, kien jinkludi kriterji ambjentali fid-dokumenti tal-offerti<sup>24</sup>. L-eżami kkonferma li, fl-

---

<sup>24</sup> Ittiegħdu 11-il proċedura minn lista ta' 22 proċedura ta' akkwist, varati bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-15 ta' Frar 2013 fejn kriterji ambjentali ġew inklużi jew kienu taħt kunsiderazzjoni.

2012, il-BĊE kien beda japplika l-APE b'mod aktar sistematiku. F'aktar minn żewġ terzi tal-każijiet eżaminati, il-kriterji fundamentali jew komprensivi tal-APE kienu ġew issodisfati. Madankollu, kien hemm potenzjali biex jiġu inklużi aktar proċeduri fl-ambitu tal-akkwist sostenibbli, notevolment fir-rigward tat-tagħmir tal-IT u tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

### **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

57. Il-Qorti sabet li l-BĊE ħa passi biex jitnaqqas l-impatt negattiv tal-operazzjonijiet amministrattivi tiegħu fuq l-ambjent, iżda aktar sforzi u azzjonijiet huma m'hegħga.

#### ***Il-BĊE ddefinixxa strateġiji għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju u huwa implimentahom b'mod effettiv?***

58. Il-BĊE ddefinixxa strateġiji li jagħtu prijorità lill-investimenti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju aktar milli lill-użu ta' skemi tat-tpaċċja għal emissjonijiet ta' karbonju biex jiġu kkompensati l-emissjonijiet ikkawżati mill-operazzjonijiet amministrattivi tiegħu.

59. B'kejl kontra l-linja ta' referenza tiegħu tal-2008, fl-2012 il-BĊE naqqas l-emissjonijiet tiegħu ta' dijossidu tal-karbonju bi 43,5 % b'mod kumplessiv u bi kważi 50 % għal kull post tax-xogħol allokat.

60. It-tnaqqis miksub huwa fil-parti l-kbira attribwibbli għax-xiri ta' elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli li jgħodd b'ħala emissjoni żero fil-kalkolu tal-impronta tal-karbonju.

61. Aktar tnaqqis tal-emissjonijiet se jkun aktar diffiċli biex jinkiseb billi l-BĊE qed jestendi b'mod konsiderevoli l-ambitu tal-attivitajiet tiegħu minħabba r-rwol ġdid tiegħu fis-superviżjoni bankarja.

62. L-ambitu inizjali 2008 tal-kalkolu mill-BĊE tal-impronta tal-karbonju ġie mkabbar gradwalment iżda xi sorsi importanti ta' emissjonijiet għadhom ma ġewx inklużi. B'mod l-aktar notevoli, emissjonijiet ikkawżati mill-ivvjaġġar tal-

persunal bejn id-dar u l-uffiċċju u emissjonijiet ikkawżati mill-kostruzzjoni tal-uffiċċji ġodda tal-BĊE mhumiex magħrufa. Tali emissjonijiet ikunu jeħtieġu jittieħdu inkunsiderazzjoni bl-użu tal-metodu OEF, irrakkomandat mill-Kummissjoni, għall-kejl jew il-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' organizzazzjonijiet pubbliċi.

63. Il-Linja Gwida tal-BĊE dwar l-Akkwist Sostenibbli ta' Diċembru 2012 tirrakkomanda, għall-ivvjaġġar fuq xogħol, l-użu mill-kumpens għall-klima skont standards għoljin. Madankollu, il-politika ambjentali attwali tal-BĊE ma tindirizzax il-kwistjoni tal-kumpens għall-klima.

#### Rakkomandazzjonijiet

1. Il-BĊE għandu jkompli jnaqqas l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u jiddefinixxi politika biex isir kumpens għal emissjonijiet residwi ta' CO<sub>2</sub>.
2. Il-kalkolu tal-impronta tal-BĊE tal-karbonju għandu jittejjeb billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-gwida provduta fil-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjonijiet (OEF) tal-Kummissjoni Ewropea.

#### ***Il-BĊE għandu għodod adegwati għall-immaniġġjar ambjentali għall-appoġġ ta' titjib kontinwu?***

64. Il-BĊE ilu rreġistrat taħt l-Iskema Ewropea ta' mmaniġġjar u awditjar ekoloġiċi (EMAS) sa mill-2010. L-ambitu tal-EMAS jinkludi l-attivitajiet tekniċi u amministrattivi kollha fl-uffiċċji prinċipali tal-BĊE fi Frankfurt am Main. L-EMAS hija għodda effettiva għall-immaniġġjar ambjentali għall-appoġġ ta' titjib kontinwu. Tnejniet qed isiru għall-applikazzjoni tal-EMAS fl-uffiċċji ġodda tal-BĊE, fejn ix-xogħol tal-bini għandu jiġi kkompletat fl-2014.

65. Il-BĊE jistenna li l-uffiċċji ġodda tiegħu jilħqu l-istandards tekniċi u ambjentali għoljin. Għaldaqstant, huwa pplanat li s-sensibilizzazzjoni dwar l-

ambjent u l-bidla fl-imġiba jkomplu jkunu l-fokus prinċipali tal-programm ambjentali tal-EMAS ladarba l-ġarr lejn l-uffiċċji ġodda jkun seħħ. Madankollu, il-miżuri attwali relatati mas-sensibilizzazzjoni u mal-bidla fl-imġiba huma fformulati b'mod vag u l-impatt kumplessiv tagħhom huwa għaldaqstant diffiċli li jiġi vvalutat.

66. Il-BĊE żamm mal-programm GreenBuilding promoss mill-Kummissjoni, bl-objettiv li l-uffiċċji ġodda tiegħu jikkonsmaw 25 % anqas mit-total tal-enerġija primarja milli meħtieġ mill-istandard ta' kostruzzjoni fis-seħħ. L-ebda informazzjoni definittiva ma ġiet ippubblikata dwar jekk l-istandards tal-programm GreenBuilding humiex se japplikaw ukoll meta l-Eurotower jiġi restawrat qabel ma l-persunal tal-BĊE tas-superviżjoni bankarja jidħol fih.

67. Il-BĊE ma ntrabatx li jsegwi l-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentru tad-Data.

### Rakkomandazzjonijiet

3. Il-BĊE għandu jiżgura li standards għoljin f'termini ta' prestazzjoni tal-enerġija jiġu applikati għar-restawr tal-bini tal-Eurotower.

4. Fir-rigward tal-attivitajiet relatati mas-sensibilizzazzjoni dwar l-ambjent u l-bidla fl-imġiba fost il-persunal tal-BĊE, il-programm ambjentali tal-EMAS għandu jinkludi indikaturi li jistgħu jitkejlu għall-valutazzjoni tal-progress u tal-impatt, pereżempju l-monitoraġġ tal-għadd ta' persunal li jagħmel użu mit-trasport pubbliku għall-ivvjaġġar lejn u mix-xogħol.

5. Il-BĊE għandu jżomm mal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentru tad-Data.

***Il-BĊE ffissa standards għall-akkwist sostenibbli u daww l-istandards intlaħqu?***

68. Id-Deċiżjoni tal-BĊE tal-2007 li tistabilixxi Regoli dwar l-Akkwisti tirreferi biss għall-akkwist sostenibbli meta ssemmi l-karatteristiċi ambjentali ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet li għandhom jiġu akkwistati b'ħala kriterju possibbli tal-għotja. Dan ma jirriflettix l-ambizzjoni tal-BĊE biex jakkwista prodotti, servizzi u xogħlijiet b'tali mod li jkollu progress kontinwu u li jista' jitkejjel fil-prestazzjoni ambjentali tiegħu.

69. Sa minn Diċembru 2012 il-Linja Gwida tal-BĊE dwar l-Akkwist Sostenibbli daħlet fis-seħħ bi ħsieb li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' akkwist sostenibbli permezz ta' pariri prattiċi u rappurtar sistematiku.

70. L-eżami mill-Qorti ta' kampjun ta' proċeduri kkonferma li fl-2012 il-BĊE kien beda juża kriterji ambjentali b'mod aktar sistematiku.

**Rakkomandazzjonijiet**

6. Il-BĊE għandu jemenda r-Regoli tiegħu dwar l-akkwist sabiex jirrifletti aħjar l-impenn tiegħu għall-akkwist sostenibbli.

7. Il-BĊE għandu jirrapporta dwar il-kisbiet fl-implimentazzjoni tal-Linja Gwida tiegħu dwar l-Akkwist sostenibbli fid-Dikjarazzjonijiet annwali tiegħu dwar l-Ambjent.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-11 ta' Marzu 2014.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA  
*President*

**TWEĠIBA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**GĦAR-RAPPORT TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI DWAR L-AWDITU TAL-ĠESTJONI MILL-BANK  
ĊENTRALI EWROPEW TAL-IMPRONTA TIEGĦU TAL-KARBONJU**

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jilqa' r-Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għal titjib magħmula mill-Qorti. Il-kummenti tal-BĊE dwar paragrafi speċifiċi u dwar is-seba' rakkomandazzjonijiet jinsabu hawn taħt.

**Paragrafu 12:** Il-BĊE jirrikonoxxi l-benefiċċji li joħorġu meta jiġu f'fissati miri għal terminu medju u għal terminu twil *vis-à-vis* it-tnaqqis globali fl-emissjonijiet tal-karbonju u se jikkunsidra li jiffissa dawn il-miri wara li jmur fil-bini l-ġdid tiegħu.

**Paragrafi 19 u 58:** Il-BĊE bħalissa qiegħed jikkunsidra proposti biex jinkludi impenż ta' spjegazzjoni fl - aġġornament li jmiss tal-politika ambjentali tiegħu fl-2014.

**Paragrafi 26, 37 u 62:** Minħabba l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea m'illhiex l-ħarġet il -verżjoni finali tal-Gwida tal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjonijiet (OEF) u b'mod partikolari, ir-Regoli tas-Setturi tal-OEF, u dawn għadhom jinsabu fil -fażi pilota tagħhom, il-BĊE s'issa f'it kelli opportunitajiet iqis l-impatt tagħhom fil-kalkolu u r-rappurtar tal-impronta tal-karbonju. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-emissjonijiet ikkawżati mill-ivvjaġġar tal-persunal bejn id-dar u x-xogħol, il-BĊE bħalissa qiegħed jiżviluppa metodu ta' kalkolu bil-għan li dawn l-emissjonijiet jiġu inklużi fir-rapport li jmiss dwar l-impronta tal-karbonju fl-2014. Jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba tagħna għal Rakkomandazzjoni 2.

**Paragrafi 36 u 65:** Il-miżuri li għadhom x'jaqsmu mas -sensibilizzazzjoni u mal-bidla fl-imġiba fil-programm tal-EMAS 2012-2013 ġew ifformulati f' termini wesgħin sabiex jipprovdur flessibilità għal żvilupp fost gruppi diversi tal-persunal fi ħdan il-BĊE. Għalkemm huwa tassew diffiċli li l-impatt globali tal-miżuri jiġi vvalutat bir-reqqa, il-BĊE kkunsidra indikaturi biex ikejjel kemm irnaxxew il-miżuri. Hekk, il-kampanja "Power Off" implimentata mill-persunal tal-Programm *TARGET2-Securities* kellha indikaturi ċari u riżultati pożittivi li għadhom jistgħu jiġu osservati.<sup>1</sup> Din il-kampanja pilota saret bl-għajnuna ta' organizzazzjoni li tispeċjalizza fil-komunikazzjoni ambjentali, l-impenn tal-persunal u l-bidla fl-imġiba, u kellha l-għan li tgħin fl-iżvilupp ta' strumenti, indikaturi u miżuri għall-organizzazzjoni kollha kemm hi. Qiegħda tittejjja kampanja pilota oħra biex tkompli tiżviluppa dan il-kunċett qabel dan jiġi introdott fl-organizzazzjoni kollha kemm hi. Jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba tagħna għal Rakkomandazzjoni 4.

<sup>1</sup> Ara wkoll paġna 14 tad-Dikjarazzjoni tal-BĊE dwar l-ambjent 2013. L-għan tal-kampanja kien li jhajar lill-impjegati jnaqqsu b' mod attiv l-impatt ambjentali tagħhom fuq ix-xogħol, b'attenzjoni speċifika fuq it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija. Il-kisbiet kien dawn: a) ġie kkalkulat li l-emissjonijiet annwali naqsu għal 6 tunnelli ta' CO<sub>2</sub> minn 124 tunnelli ta' CO<sub>2</sub>; u b) is-*switch-off rate* finali globali matul il-kampanja kellha medja ta' 94% fuq tliet sulari. Sitta fil-mija biss tal-apparat tat-teknoloġija tal-informatika tħalla mixgħul.

**Paragrafi 42 u 66:** Il-kuntratt tal-kera tal-bini Eurotower fih klawsola ambjentali li ssostni r-rekwiżiti bażiċi tal-Programm GreenBuilding fir-rigward tax-xogħlijiet ta' tiġdid u r-regolamenti rilevanti dwar il-konstruzzjoni. Għalkemm l-ebda informazzjoni definittiva għadha ma ġiet ippubblikata, il-BĊE fetaħ negozjati mas-sid tal-Eurotower bil-għan li titjeb il-prestazzjoni tal-enerġija. Barra dan, is-sid qiegħed jikkunsidra jipparteċipax fil-Programm GreenBuilding. Jekk jogħbok ara wkoll it-tweġiba tagħna għal Rakkomandazzjoni 3.

**Paragrafi 43 u 67:** Il-BĊE qiegħed jistenna bil-ħerqa li jsir sid iċċertifikat ta' ċentru tad-*data* li jkun effiċjenti fl-użu tal-enerġija wara li jmur fil-bini l-ġdid tiegħu. Il-karatteristiċi tekniċi tad-disinn taċ-ċentru tad-*data* l-ġdid – l-iskalabilità, il-flessibbiltà u l-effiċjenza enerġetika – jaqblu mal-intenzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentri tad-*Data*. Jekk jogħbok ara wkoll it-tweġiba tagħna għal Rakkomandazzjoni 5.

**Paragrafi 44 u 68:** Jekk jogħbok ara wkoll it-tweġiba tagħna għal Rakkomandazzjoni 6.

**Paragrafu 48:** Il-BĊE se jikkunsidra jkomplix jiċċara l-ponderazzjoni tal-karatteristiċi ambjentali fl-aġġornamenti li jmiss tal-Linja Gwida dwar l-Akkwist Sostenibbli. Fir-rigward tal-ponderazzjoni tal-kriterji tal-għażla ambjentali fil-proċeduri tal-offerti “l-aktar ekonomikament vantġġużi”, ta' min jgħid li din il-ponderazzjoni jeħtiġilha tkun proporzjonata wkoll mal-ponderazzjoni ta' kriterji kwalitattivi oħra tal-għażla. Dan biex jiġi żgurat li s-sett globali ta' rekwiżiti tan-negozju jiġi rifless b'mod adegwat fil-kriterji tal-għażla u b'hekk ikollu impatt xieraq fuq ir-riżultat tal-proċedura.

**Paragrafu 63:** Il-BĊE bħalissa qiegħed jiżviluppa l-politika ambjentali tiegħu favur it-tnaqqis u l-kumpens tal-emissjonijiet tal-karbonju. Jekk jogħbok ara wkoll it-tweġiba tagħna għal Rakkomandazzjoni 1.

**Rakkomandazzjoni 1:** Il-BĊE se jkompli bl-isforzi tiegħu biex inaqqas l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> kif ukoll biex jiddefinixxi politika ta' kumpens għall-emissjonijiet residwi ta' CO<sub>2</sub>.

**Rakkomandazzjoni 2:** Il-BĊE jaċċetta r-rakkomandazzjoni. Billi l-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjonijiet (OEF) tal-Kummissjoni Ewropea għadu fil-fażi pilota tiegħu, il-BĊE se jimmonitorja l-iżvilupp u r-riżultati tiegħu bil-għan li jintegrah fil-kalkolu tal-impronta tal-karbonju.

**Rakkomandazzjoni 3:** Il-BĊE jaċċetta r-rakkomandazzjoni. Barra mill-kuntratt tal-kera attwali, li fih klawsola ambjentali, qiegħed jiġi ppjanat li jiġi konkluż ftehim mas-sid tal-Eurotower dwar ix-xogħlijiet ta' tiġdid u l-istandards meħtieġa li għandhom jiġu applikati.

**Rakkomandazzjoni 4:** Il-BĊE jaċċetta r-rakkomandazzjoni u se jinkludi indikaturi li jistgħu jitkejlu fil-programm tal-EMAS tiegħu li jmiss, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mas-sensibilizzazzjoni dwar l-ambjent u l-bidla fl-imġiba fost il-persunal.



## BĊE-PUBBLIKU

**Rakkomandazzjoni 5:** Il-BĊE jappoġġa bis-sħiħ l-għan tal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentri tad-*Data*, li huwa volontarju, "li jnaqqas il-konsum tal-enerġija fiċ-ċentri tad-*data* fl-Ewropa kollha u b'hekk jonqsu l-emissjonijiet, jġi limitat it-tisħin globali u jiġu ffrankati l-flus" u se jikkunsidra japplikax għall-istatus ta' Parteċipant.

**Rakkomandazzjoni 6:** Il-BĊE jaċċetta r-rakkomandazzjoni u se jikkunsidra l-għażliet biex jirrifletti aħjar l-impenn tiegħu għal akkwist sostenibbli fl-aġġornament li jmiss tar-Regoli tiegħu dwar l-Akkwist fl-2014.

**Rakkomandazzjoni 7:** Il-BĊE jaċċetta r-rakkomandazzjoni u se jibda jirrapporta l-kisbiet tiegħu fit-termini tal-implimentazzjoni tal-Linja Gwida tiegħu dwar l-Akkwist Sostenibbli fid-Dikjarazzjonijiet dwar l-ambjent li l-BĊE joħroġ kull sena.